MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2013

Avviz Numru. 166/2013

**Tonio Farrugia**

**vs**

**Network Publications Limited (C21054)**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors ipprezentat mill-attur nhar is-6 ta’ Gunju 2013 fir-Registru ta’ din il-Qorti fejn talab lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lir-rikorrenti s-somma ta’ erbat elef, tmien mija u sitta u ghoxrin ewro u erbatax-il centezmu (€4,826.14) rapprezentanti bilanc dovut ta’ salarji b’lura liema bilanc baqa’ ma thallasx (prospett anness u mmarkat bhala **Dok A**). Minkejja li ga giet interpellata sabiex thallas inkluz permezz tal-ittra datata 18 ta’ Jannar 2013 (**Dok B**) hija baqghet inadempjenti.

Qed jintalbu wkoll l-imghaxijiet relattivi mid-dati rispettivi tal-iskadenzi ta’ kull salarju b’lura dovuti kif indikati fuq il-prospett anness sad-data tal-hlas effettiv bir-rata ta’ tmienja fil-mija (8%) fis-sena.

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta’ konvenuta inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma’ dan ir-rikors. Qieghda tigi wkoll minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat in-nota tas-socjeta’ konvenuta pprezentata fl-atti nhar it-28 ta’ Gunju 2013 fejn l-istess socjeta’ ammettiet it-talbiet attrici kif imfissra fir-rikors promotur.

**Ghaldaqstant, fuq ammissjoni tas-socjeta’ konvenuta stess, il-Qorti qieghda tikkundanna lill-istess socjeta’ konvenuta thallas lill-attur is-somma indikata fir-rikors promotur fl-ammont ta’ erbat elef, tmien mija u sitta u ghoxrin ewro u erbatax-il centezmu (€4,826.14).**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment mar-rikors promotur huma a karigu tas-socjeta’ konvenuta.**

**L-imghax jibda jiddekorri mid-data ta’ meta s-socjeta’ konvenuta ammettiet it-talbiet fir-rikors promotur u cioe’ mit-28 ta’ Gunju 2013.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------